MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Rikors Numru. 5/2000/1

**Agent Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**Frank Zampa, Letterina Zampa**

Il-Bord:

Ra r-rikors tal-Agent Kummissarju tal-Art li jghid:

Illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim datat 13 ta' Settembru 1999 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut ta' bicca art fil-Gzira tal-kejl ta' cirka erba' mija wiehed u ghoxrin metri kwadri (471 mk) li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' Triq Pubblika, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Edward Pelligrini Petit u mill-Punent ma' proprjeta ta' Frank Zampa u ohrajn, huwa ta' erbatax il-elf Lira Maltija (Lm14,000) kif jidher fir-rapport tal-Perit Joe Mizzi A&CE

tal-11 t' Awissu 1999 li kopja tieghu (Dok A) hija annessa mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 1999 l-intimati fost affarijiet ohrajn jiddikjaraw li ma jaccettawx l-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' tmienja u tletin elf, hames mija u hamsa u sebghin elf Lira Maltija (Lm38,575.00)

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan dil-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88)

Ra illi l-intimati, debitament notifikati bir-rikors promutur, naqsu milli jintavolaw risposta izda fl-ittra ufficjali taghhom tat-28 ta' Settembru 1999 huma ddikjaraw illi mhumhiex qed jaccettaw l-offerta maghmula mir-rikorrenti u dan ghaliex il-kumpens gust ghandu jammonta ghall Lm38,575.00.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi in sostenn tal-oggezzjoni taghhom, l-intimati esebew kopja ta' att nutarili biex juru l-valur ta' art li kienet tmiss ma' din in dizamina kif ukoll ressqu perit arkitett li xehed illi huwa jivvaluta l-art bil-prezz ta' tmienja u tletin elf lira maltin u dan ix-xhud ipprezenta rapport dettaljat biex juri kif wasal ghal dan il-valur.

Illi f'din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Frederick Valentino li wara li ezaminaw is-sit kif ukoll id-dokumenti esebiti inkluz ix-xhieda tal-intimat, oltre li kkonkludew illi l-art hija wahda fabrikabbli, ikkonkludew inoltre bil-mod segwenti skond kif jirrizulta fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

“Minn kalkoli li ghamilna f'dan ir-rigward ai termini ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet... mehudin in konsiderazzjoni l-fatturi li gew elenkati f'din ir-relazzjoni, fosthom il-lokalita' ta' l-istess proprjeta flimkien mal-provi mressqa mill-partijiet, jidhrilna illi l-kumpens xieraq ta' l-art esproprijanda ghandu jigi awmentat ghall-figura ta' tnejn u ghoxrin elf u seba mitt liri maltin libera u franka (Lm22,700);

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizzjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri.

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li jitrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art fil-Gzira tal-kejl ta' cirka erba' mija wiehed u ghoxrin metri kwadri (471 mk) li tmiss min-Nofs in-Nhar ma' Triq Pubblika, mit-Tramuntana ma' proprjeta' ta' Edward Pelligrini Petit u mill-Punent ma' proprjeta ta' Frank Zampa u ohrajn, liema art qed tkun dikjarata fabrikabbli, u dan versu l-kumpens ta' tnejn u hamsin elf, tmien mija sitta u sebghin euro u seba u sebghin centezmu (Euro 52,876.77.00) ekwivalenti ghall-LM22,700.00 oltre l-imghax legali spettanti lill-intimati. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-3 ta' Gunju 2009 fis-1.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Alexandra Mizzi LL.M., LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom

ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------